MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Numru. 160/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Imputata**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Imputata** fejn ġiet mixlija talli:

(1) nhar id-29 ta' Jannar tas-sena 2015 f'xi ħin, ikkommettiet serq ta' ġojjellerija u ċioe ċurkett min ġewwa fond numru 11, Triq Mons. Innoċenz Zammit, Msida għad-dannu ta' Marlyn (Mary Helen) Van Der Graaf u jew ta' persuna/i oħra, liema serq huwa kkwalifikat, bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jaccedix is-somma ta' elfejn tlett mija u disa w għoxrin Ewro u sebgħa w tletin ċentezmu (€2329.37c); Art. 261(c)(d)(e), 264(1), 267, 268(a), 269(g) 279(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

(2) Talli nhar it-2 ta' Frar tas-sena 2015 għall-ħabta tal-għaxra ta filgħodu kkommettiet serq ta' ġojjellerija u ċjoe ta' brazzuletta tad-deheb b' valur ta' madwar mitt ewro (€100) minn ġewwa l-fond 225, SeaCliff Apartments, Triq it-Torri, Tas-Sliema għad-dannu ta' Rose Attard u jew ta' persuna/i oħra liema serq huwa ikkwalifikat, bil-lok u bil-persuna ai termini tal-Art. 261(d)(e), 268(a), 269(g) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif ukoll li ġewwa Tas-Sliema meta b'diversi atti magħmulin minnha wkoll jekk fi żminijjiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

(3) Talli f'okkażjoni li seħħet madwar xahrejn qabel ix-xahar ta' Dicembru tas-sena 2014 ikkommettiet serq ta' lira tad-deheb u ta' ġojjellerija u cioe ta' ġizerana b'salib tad-deheb u ċurkett taż-żwieġ li

b'kollox jammontaw għal-madwar elf, u ħamsin ewro (€1050) minn ġewwa l-fond Costa Del Mar, Flat 8, Triq Locker, Tigne, Sliema għad-dannu ta' Austin u Sharon Gauci Maisire u/jew ta' persuna/i oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta' elfejn, tlett mija u disa w għoxrin Ewro u sebgħa w tletin ċentezmu (€2329.37c) skont l-Art. 18, 261(c)(d)(e), 267, 268(a), 269(g), 279(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta Malta.

(4) Talli matul ix- xahar ta Diċembru tas-sena 2014 ikkommettiet serq ta ġojjellerija u ċjoe ta' pedent bi djamanti, żewgt ċrieket tal-fidda, u ċurkett ieħor tad-deheb b'fossa blu li b'kollox jammontaw għal-madwar elf, ħames mija w ħamsin ewro (€1550) minn ġewwa fond Costa Del Mar, Flat 8, Triq Locker, Tigne, Sliema għad-dannu ta' Austin u Sharon Gauci Maistre u jew ta persuna/i oħra, liema serq huwa kkwalifikat, bil-lok, bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta' elfejn, tlett mija u disa w għoxrin Ewro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37c) ai termini tal-Art. 18, 261(c)(d)(e), 267, 268(a), 269(g) u 279(a) tal- Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

(5) Talli matul ix-xahar ta' Jannar tas-sena 2015 ikkommettiet serq ta' ġojjellerija u ċioe ta' pedent bi djamant li jiswa elf, seba mija w ħamsin ewro (€1,750) min ġewwa fond Costa Del Mar, Flat 8, Triq Locker, Tigne, Sliema għad-dannu ta' Austin u Sharon Gauci Maistre u jew ta' persuna/i oħra, liema serq huwa kkwalifikat, bil-lok, bil-

persuna u bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta' elfejn, tlett mija u disa w għoxrin Ewro u sebgħa w tletin ċentezmu (€2329.37c) ai termini tal-Art. 18, 261(c)(d)(e), 267, 268(a), 269(g) 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżibiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali l-imputata stqarret li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha skont kif speċifikat aktar 'il fuq.

Wara li rat l-Artikoli 392A(1) u 453(1) tal-Kodiċi Kriminali tat żmien qasir lill-imputata sabiex tirtira l-ammissjoni tagħha u wara li reġgħet staqsiet lill-imputata x'għandha xi tgħid dwar l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, fil-preżenza tal-konsulent legali tagħha, hija reġa' tenniet li kienet ħatja skont kif kienet tenna ftit qabel. Il-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id-deċiżjoni tal-imputata fl-atti tal-kawża.

Il-Qorti rat ukoll l-istqarrijiet li għamlu l-partijiet kif riflessi fil-verbali tas-seduti tagħha;

Rat ukoll l-ordni tagħha sabiex id-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole jipprepara relazzjoni fl-isfond tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tas-26 ta' Ġunju 2015 Donnalise Livori mill-Uffiċju tad-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole ippreżentat rapport verbali tagħha fejn ikkonkludiet li l-imputata hija kandidata idoneja sabiex tagħmel servizz fil-komunita' għalkemm ħasset li ma kienx hemm lok għall-estremi ta' superviżjoni.

Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet u ħadet konjizzjoni tal-argumenti tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi :

(1) kwantu għall-ewwel imputazzjoni d-deheb meritu tal-kaz u li kien jifforma r-refurtiva ġie restitwit lil sidu;

(2) kwantu għat-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni dehru r-rappreżentanti tad-derubati li ddikjaraw illi l-valur tar-refurtiva li għadu ma ġiex ritornat kien jammonta għall-figura maqbula bejn il-partijiet ta' elfejn u tmien mitt Ewro (€2800);

(3) wara li nqabdet fil-fatt, l-imputata kkoperat mal-Pulizija kif jirriżulta mill-interrogatorju tagħha;

L-Avukat Difensur tenna li :

1. l-imputata għandha fedina penali netta;
2. illi hija persuna illi sseparat ta' eta' żgħira wara li kienet miżżewġa lil persuna li miegħu ż-żwieġ ma rnexxiex u ħalliha f'diffikultajiet kbar u rabbiet lit-tifel waħedha;
3. li għaddejja wkoll minn perjodu stressanti ħafna in partikolari in konsegwenza għal dak li wassal għal dan il-każ;
4. hija kienet lesta li tħallas lura lid-derubati l-ammont maqbul bejnha u d-derubati;
5. fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-imputata rreġistrat ammissjoni mill-ewwel, fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri penali u għandha tingħata riduzzjoni fil-piena stante l-ammissjoni bikrija;
6. l-imputata għandha tingħata ċans aħħari sabiex tipprova tqum fuq saqajha;
7. l-imputata irrikonoxxiet li żbaljat.

***Ikkunsidrat : -***

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputata għall-imputazzjonijiet miġjuba kontriha kif speċifikati aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Il-Qorti tifhem li jista' jkun veru li dan il-każ tnissel minn mument ħażin li ħakem lill-imputata. Pero l-istess Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputata tradiet il-fiduċja ta' dawk li kienu jtuha x-xogħol li minnu kienet tista taqla' l-ħobża ta' kuljum tagħha. Biss mill-banda l-oħra għandha l-fedina penali tagħha netta. Il-Qorti qieset ukoll ir-relazzjoni pożittiva tal-Uffiċjal tal-Probation Donnalise Livori, fejn ma ġiex indikat li l-imputata teħtieġ li tkun taħt superviżjoni.

Din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-imputata għandha tpatti għal egħmilha mhux biss billi trodd lura lid-derubati l-valur fi flus tal-oġġetti kollha li serqet stante li l-gravita ta' dak li wetqet jimmerita sentenza ta' priġunerija. Iżda fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tenut kont tal-ammissjoni bikrija tagħha nonche tal-fedina penali netta tagħha, tal-koperazzjoni tagħha mal-Pulizija, kif ukoll mar-rieda pruvata tagħha li tħallas lid-derubati l-bilanċ rimanenti, din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikun aktar aħjar għas-soċjeta u l-parte ċivile jekk l-imputata tkompli taħdem u b'hekk ikollha minn fejn tkompli tħallas lill-vitmi tas-serq il-bilanċ kollu tal-flus meħuda minnha indebitament.

Mill-banda l-oħra huwa meħtieġ pero li l-ħatja tifhem kemm huwa ħażin dak li għamlet u li għalih issa trid tħallas lis-soċjeta' li hija offendiet bir-reati tagħha billi, tirrendi ruħha soċjalment utli u tagħmel għadd twil ta'

siegħat ta' xogħol lil min hu fil-bżonn mingħajr ma titħallas tiegħu; u fl-istess ħin ma tkunx ta' aktar piż fuq is-soċjeta.

Illi in kwantu għat-talba tal-imputata sabiex isimha ma jiġix imxandar fil-mezzi tal-istampa, għar-raġunijiet imsemmija mid-Difiża fin-nota tagħha (li ma ġietx imwieġba mill-Prosekuzzjoni permezz ta' nota, għalkemm kien hemm opposizzjoni verbali matul is-seduta), tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-kriterja ta' kemm huma strettament meħtieġ li ssir ir-restrizzjoni tal-pubbliċita' u kemm din il-miżura tkun proporzjonata, ġew soddisfatti u dan ukoll fid-dawl sabiex l-għanijiet aħħarija ta' din is-sentenza u tal-piena inflitta jkunu jistgħu jintlaħqu b'suċċess. Għalhekk tilqa' t-talba.

***__DEĊIDE__***

li wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 261(c)(d)(e), 267, 268(a), 279(a), 280(1), 281, 532A u 532B tal-Kodici Kriminali qegħda ssib lil Imputata, fuq l-

ammissjoni inkondizzjonata tagħha stess, ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u wara li rat ukoll l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, minflok tagħti piena ta' priġunerija kontra Imputata, iżda meta ħadet kont ukoll tal-valur għoli tal-oġġetti misruqa minnha nonche l-aġir tagħha wara li nqabdet u l-effett ta' dan ir-reat fuq il-vitmi, qegħda tqiegħed lill-ħatja taħt ordni ta' servizz fil-komunita' bil-kundizzjoni li tagħmel xogħol bla ħlas għal tliet mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor hija, tista tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instabet ħatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-

komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal tal-Probation assenjat lill-ħatja kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

A tenur ta' u wara li rat l-Artikoli 532A u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna lil ħatja sabiex tħallas lil parte civile Austin u Sharon Gauci Maistre s-somma bilanċjali ta' elef u tminn mitt euro (€1800) rappreżentanti d-danni sofferti minħabba s-serq hawn fuq ammess mill-ħatja fi żmien erbgħa xhur.

Finalment il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija illum 29 ta' Lulju 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------